STQARRIJA PARLAMENTARI TAL-PRIM MINISTRU JOSEPH MUSCAT DWAR IR-REFERENDUM ABROGATTIV LI SE JSIR NHAR IS-SIBT 11 TA' APRIL 2015

12 ta' Jannar 2015

Nixtieq naggorna lil din il-Kamra dwar is-sejha ta' referendum abrogattiv dwar il-kwistjoni tal-kacca fir-Rebbiegha.

Fl-ahhar xhur, is-socjeta' civili permezz ta' diversi ghaqdiet gabret bizzejjed firem skond l-Att dwar ir-Referenda biex tipproponi referendum sabiex jithassru l-ligijiet u regolamenti li permezz taghhom il-Gvern Malti jista', kif tippermettilu l-Ligi Ewropea, jidderoga mid-Direttivi tal-Unjoni Ewropea, u jiftah l-istagun tal-kacca fir-Rebbiegha taht certi kundizzjonijiet u f'cirkostanzi partikolari.

Id-dritt ta' din id-deroga kien gie nnegozjat mill-Gvern Malti mmexxi minn Eddie Fenech Adami qabel is-shubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, u din giet uzata kemm mill-Gvern ta' qabel kif ukoll minn dan il-Gvern.

F' kull elezzjoni generali minn dakinhar, inkluz fl-ahhar elezzjoni generali, il-partiti politici rapprezentati fil-Parlament urew l-intenzjoni li jkomplu jaghmlu uzu minn din id-deroga ghal stagun tal-kacca limitat.

Izda nkunu qed nistahbew wara subghajna jekk ma nghidux li f' pajjizna ilha tezisti ghal bosta snin diskussjoni qawwija u polarizzata, xi drabi karatterizzata minn estremi fuq iz-zewg nahat, dwar din il-kwistjoni.

Lil hemm mid-diskussjoni dwar is-suggett, li l-mertu taghha mhux behsiebni nidhol fih llum, nahseb li bhala politici irridu nifhmu li l-process li wassal ghal dan ir-referendum huwa sinjal taz-zminijiet. Huwa sinjal li d-dominanza tal-politici fit-tehid tad-decizjonijiet qed tonqos. Huwa sinjal iehor ta' dak li personalment ilni nghid, jigifieri li zmien il-partiti politici kif nafuhom spicca, u li minn zmien ghall-iehor se naraw il-migja ta' movimenti sporadici li jinghaqdu fuq temi differenti. Mhux bilfors li wiehed dejjem jaqbel ma' dawn it-temi, izda l-fenomenu, nghid ghalija, huwa wiehed ecitanti fir-rikorrenza tieghu.

Il-politici jridu jifhmu u jghixu ma' dan il-fenomenu f' qafas fejn il-partiti politici iridu jittrasformaw ruhhom f' bazi u ghodda ta' Gvern ghal movimenti usa.

Il-petizzjoni migbura ghaddiet mill-istadji rikjesti mil-ligi, inkluz l-iccekkjar mill-Kummissjoni Elettorali u, wara rikorsi li saru, mill-iskrutinju tal-Qorti Kostituzzjonali.

Tajjeb li nghid li wara li nbeda dan il-process, din il-Kamra irceviet quddiemha petizzjoni ohra b' hafna aktar firem tappella biex l-Att dwar ir-Referenda jinbidel. Il-fehma generali hija li la process beda b' sett ta' regoli, dawn ir-regoli m' ghandhomx jinbidlu.

Bis-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali, id-data ta' dan l-ewwel referendum abrogattiv ta' din id-demokrazija moderna, kellha tkun stabbilita ghal bejn id-9 ta' April u 9 ta' Lulju 2015.

Qabel ma nkompli, tajjeb li nindirizza punt li tqajjem u nahseb se jerga' jitqajjem mill-Kap tal-Oppozizzjoni, jigifieri dwar ta' min hi l-prerogattiva tal-ghazla tad-data. Jekk din hix fid-diskrezzjoni tal-President jew inkella jekk il-President timxix fuq parir tal-Prim Ministru.

Mhix l-intenzjoni tieghi li nidhol f' kontroversji jew li ndahhal lil Presidenza f' kontroversji. Nghid biss li mxejt fuq parir formali tal-Avukat Generali, li qed inpoggi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Ninsab ikkonfortat ukoll mill-fatt li ninsab infurmat li l-President talbet parir legali indipendenti u li dan ikkonferma l-posizzjoni tal-Avukat Generali.

Jekk hemm bzonn ta' kjarifici ghal dan il-process ghal kazi fil-futur, dawn jistghu isiru f' diskussjonijiet fiz-zmien li gej.

Kien hemm essenzjalment tlett ghazliet li setghu isiru dwar id-data tar-referendum.

L-ewwel ghazla kienet li dan isir fis-sajf. Din l-ghazla giet skartata ghaliex ma nemminx li pajjizna ghandu jaghmel nofs sena f' kampanja referendarja. Ghandna affarijiet aktar importanti li rridu niffukaw fuqhom.

It-tieni ghazla kienet li jsir b' mod li l-kampanja jew il-vot ikunu waqt l-istagun tal-kacca fir-Rebbiegha, li z-zewg nahat f' din il-Kamra dejjem qalu li ghandu jinfetah kull sena. Din kienet tkun ghazla infelici jekk mhux ukoll irresponsabbli, biz-zewg kampijiet iduru u jaghqdu wara xulxin, u b' akkuzi ta' provokazzjoni fuq naha u intimidazzjoni fuq l-ohra. Is-socjeta' ma kien isirilha l-ebda gid minn sitwazzjoni li taqa f' dan il-livell, u isem pajjizna fil-media internazzjonali ma kien isirlu l-ebda gid.

Ghalhekk, l-ghazla l-aktar sensibbli hija li dan isir fil-11 ta' April, li hija l-ewwel data disponibbli wara s-sentenza tal-Qorti.

Jekk ir-referendum jaghti r-rizultat li l-ligijiet li jipprovdu ghad-deroga tal-kacca ghandhom jibqghu, l-istagun tal-kacca fir-Rebbiegha jinfetah immedjatament fil-linja tar-rakkomandazzjonijiet tal-Ornis. Jekk ir-referendum jaghti r-rizultat li l-ligijiet li jipprovdu ghad-deroga ghandhom jitnehhew, l-istagun tal-kacca ma jinfetahx.

B' hekk tkun rispettata r-rieda tal-poplu.

Dan igibni ghal punt dwar il-mistoqsija ta' dan ir-referendum fejn inholqot sitwazzjoni li hija ftit problematika.

Tajjeb li nghid li l-mod ta' kif issir il-mistoqsija mhux decizjoni tal-Gvern izda hija ddettata mill-petizzjoni u mil-ligi.

Is-sitwazzjoni inholqot minhabba diskrepanzi bejn il-verzjonijiet bil-Malti u bl-Ingliz tal-Att dwar ir-Referenda, kif ukoll mill-mod kif inhi miktuba l-petizzjoni li gietipprezentata u diskrepanzi bejn il-verzjoni bil-Malti u bl-Ingliz tal-istess petizzjoni.

Id-diskrepanza ma tezistix fl-Artikolu 3 li jiddefinixxi kif u dwar x' hiex ghandha ssir il-mistoqsija. Il-kwistjoni tinsab f' Taqsima V li effettivament tirregola referendum abrogattiv bhalma hu dan.

Jekk wiehed isegwi l-verzjoni bil-Malti kemm tal-ligi kif ukoll tal-petizzjoni, il-mistoqsija hija "Taqbel illi d-disposizzjonijiet tar-Regolamenti dwar Qafas biex tigi permessa Deroga li tiftah l-istagun tal-Kacca tal-Gamiem u tas-Summien fir-Rebbiegha (Legislazzjoni Sussidjarja 504.94) ghandhom jibqghu fis-sehh?".

Hawn min jaqbel mall-kacca jivvota "iva", u min ma jaqbilx jivvota "le".

Min-naha l-ohra bil-verzjoni bl-Ingliz kemm tal-ligi kif ukoll tal-petizzjoni, il-mistoqsija hija "Do you agree that the provisions of the Framework for allowing a Derogation opening a Spring Hunting season for Turtle Dove and Quail Regulations (Subsidiary Legislation 504.94) should not continue in force?".

Hawn, bil-maqlub tal-verzjoni bil-Malti, min ma jaqbilx mall-kacca jivvota "iva", u min jaqbel jivvota "le".

Minhabba f' din id-diskrepanza pjuttost serja, intalab parir tal-Avukat Generali, li qed inpoggi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Il-parir hu ibbazat fuq il-principju stabilit f' Artiklu 74 tal-Kostituzzjoni li jipprovdi li f' kaz ta' kunflitt bejn il-verzjonijiet bil-Malti u bl-Ingliz ta' ligi, tirbah il-verzjoni bil-Malti.

Filwaqt li l-ghazla tal-verzjoni bl-Ingliz mhux bilfors tkun qed tikser il-ligi, tkun izjed tista' tigi attakkata ghaliex ma jkunx gie segwit il-principju dwar il-verzjoni bil-Malti li johrog mill-Kostituzzjoni.

Ghalhekk, ibbazat fuq dan il-parir dwar l-interpretazzjoni tal-ligi u anki fuq li qalet il-Qorti Kostituzzjonali li kkwotat il-verzjoni bil-Malti tal-petizzjoni, il-mistoqsija fir-referendum tal-11 ta' April se tkun "Taqbel illi d-disposizzjonijiet tar-Regolamenti dwar Qafas biex tigi permessa Deroga li tiftah l-istagun tal-Kacca tal-Gamiem u tas-Summien fir-Rebbiegha (Legislazzjoni Sussidjarja 504.94) ghandhom jibqghu fis-sehh?".

Bl-Ingliz tkun "Do you agree that the provisions of the Framework for allowing a Derogation opening a Spring Hunting season for Turtle Dove and Quail Regulations (Subsidiary Legislation 504.94) should continue in force?".

Ghalhekk, min irid li d-deroga ghal kacca fir-Rebbiegha tibqa tintuza jivvota " iva", u min ma jridx jivvota "le".

Nerga naghmilha cara li din il-mistoqsija tohrog mill-petizzjoni li kienet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali, u mil-ligi wara parir tal-Avukat Generali.

Kif ghidt, mhix l-intenzjoni tieghi li llum niddiskuti l-materja tar-referendum. Izda rrid nirregistra dak li diga' ghidt pubblikament.

L-ewwel nett, nemmen li din il-kampanja ghandha titmexxa mis-socjeta' civili u organizazzjonijiet fuq iz-zewg nahat. Il-partiti politici ghandhom jaghmlu l-wisgha. Nista' nghid li din hija l-intenzjoni tal-Partit Laburista li jien mmexxi.

Dan ma jfissirx li l-politici m' ghandhomx opinjoni. L-opinjoni tieghi kulhadd jafha ghaliex ilni nghidha mill-inqas seba' snin u m' ghandha tkun sorpriza ghal hadd. Jien nemmen li

d-dritt li Gvern jaghzel japplikax din id-deroga bil-limitazzjonijiet tal-ligi Ewropea ghandu jibqa.

Naf li mhix l-aktar posizzjoni popolari u li ninsab f' minoranza. M' inix popolari la mall-ambjentalisti, li ma jaqblux maghha u lanqas mall-kaccaturi, ghaliex l-ahhar protesta li organizzaw uhud minnhom kienet kontrija wara li ghalaqt l-istagun tal-kacca fil-Harifa.

Izda qed niehu din il-posizzjoni ta' minoranza ghaliex dan li nemmen, lil hinn mill-kwistjoni tal-kacca, nahseb li hemm punti aktar fundamentali, fosthom li generalment int trid tagixxi biex izzid u mhux iccahhad minn dak li jezisti. Dan minbarra li nemmen li qed insegwi mandat li nghatajt personalment.

Ovvjament, la shabi tal-Kabinet u tal-Grupp Parlamentari, u lanqas fil-Partit Laburista ma huma marbutin ma' dan. Kulhadd huwa liberu li jiehu l-posizzjoni u decizjoni li jahseb hu.

Biss, bhala Prim Ministru u Mexxej, ma nemminx li nista' noqghod gallarija. Il-poplu ghandu dritt ikun jaf x' nahseb anki jekk naf li l-maggoranza ma taqbilx mieghi.

Tajjeb inzid li flimkien mar-referendum se jkunu qed isiru ukoll l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali. Qed nghaqqdu dawn iz-zewg avvenimenti ghaliex fil-pajjiz hawn sinjali cari ta' electoral fatigue u ma jaghmilx sens li n-nies jintalbu johorgu jivvutaw darbtejn fi ftit xhur. Wara li saret konsultazzjoni, dawn ghandhom ikunu ukoll l-ahhar elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali li jsiru b' mod spezezzat. Il-Gvern se jressaq emendi li jirriflettu qbil, mhux unanimu izda generali, li r-round li jmiss isir fl-2019 ghal pajjiz kollu flimkien mall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew. B' hekk indahhlu aktar razzjonalita' fis-sistema u ninkoragixxu l-partecipazzjoni.

L-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali tal-11 ta' April se jfissru ukoll pass iehor storiku ghal pajjizna u demokrazija taghna. Dan ghaliex ghall-ewwel darba iz-zghazagh ta' 16 -il sena se jinghatw id-dritt tal-vot.

Dan huwa pass sinjifikanti li jikkonferma demokrazija avvanzata li qed thaddem valuri progressivi. Dan huwa punt li minnu nistghu mmorru 'il quddiem biss, fejn wara li nanalizzaw din id-decizjoni, jasal iz-zmien li nezaminaw li l-eta' tal-vot titnaqqas ukoll ghall-konsultazzjonijiet elettorali ohra, fosthom l-elezzjoni generali.

Fl-ahhar nett irrid ninnota li l-ghazla tal-11 ta' April tfisser li gimgha qabel jum il-votazzjoni se jahbat l-Ghid. Mhux l-ewwel darba li habtu festi waqt kampanji u sahansitra lejlet il-vot.

Nemmen li s-sens komun se jwassal lil partiti politici biex jaqblu dwar it-tul tal-kampanja ghal Kunsilli Lokali u li din tibda, nghidu ahna, fl-ewwel gimgha ta' Marzu, kif ukoll li ma jkunx hemm ikkampanjar fi granet partikolari tal-Gimgha Mqaddsa.

Konvint li l-partiti jistghu jaslu ghal ftehim. Nittama li l-organizazzjonijiet li se jmexxu l-kampanji referendarji jaghmlu l-istess.

L-appell tieghi huwa li fil-kampanja, specjalment dik referendarja, iz-zewg nahat jaraw li d-diskussjoni ssir fit-trankwillita' u serenita'. Huwa b' rispett reciproku li naraw li kulhadd jifhem l-argumenti u tittiehed l-ahjar decizjoni li minn issa niddikjara li l-Gvern u jien se nkun qed nirrispetta.